NEWSPAPER POST



# Il-Belt Victoria

*Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex*

*Lulju - Awissu 2001* — *Nru 121*



## Messaġġ mill-Arċipriet

*Il-festa ta' San Ġorġ hi okkażjoni sabiex nikkonfermaw mill-ġdid ir-rabta spiritwali tagħna ma' Alla u bejnietna. San Ġorġ hu l-espressjoni ta' din ir-rabta. L-imħabba tiegħu lejn u tagħna lejh hija s-sostanza, il-kontenut tagħha.*

Għalhekk nagħmel sejħa lilkom ilkoll li tifformaw il-Komunita' Nisranija tagħna biex flimkien infittxu ħalli lil San Ġorġ nonorawh mhux biss esternament imma wkoll internament. Inkunu nonorawh 'esternament' meta nipparteċipaw fiċ-ċelebrazzjonijiet reliġjużi u kulturali li se jsiru f'ġieħu. Imma jeħtieġ li nonorawh ukoll internament billi nilqgħu l-misteru ta' San Ġorġ fil-ħajja tagħna ta' kuljum, billi nfittxu d-dawl spiritwali li jixħet fuqna, ngħożżu l-valuri qaddisa li ħaddan u mexxewh fil-ħajja tiegħu fuq l-art u fuq kollox billi nħobbu lil Alla u lil xulxin bl-istess sura u grad ta' mħabba li biha ħabb hu.

Nieħu din l-okkażjoni biex nitlobkom ilkoll, speċjalment lilkom iż-żgħażagħ għeżież tagħna, imma wkoll lilkom ilkoll-il-merħba bikom!-li tiġu minn barra biex tifirħu magħna, biex iġġibu ruħkom dejjem b'dinjita' għall-persuna tagħkom u b'eżempju tabilħaqq Nisrani. Irridu nieħdu ħsieb xulxin, imma l-aktar it-tfal li b'eżempju wieħed ħażin jistgħu jitħassru.

Nistedinkom lilkom ilkoll, imma speċjalment lilkom iż-żgħażagħ, biex tattendu bi ħġarkom għall-funzjonijiet liturġiċi li jsiru fil-iem tat-Tridu, Lejliet il-festa u nhar is-Solennita'. Il-festa ta' San Ġorġ tkun festa 'deformata' jekk ma tiġbidkomx ilkoll, bla eċċezzjoni, lejn il-knisja. Għax il-festa ta' San Ġorġ hi qabel kollox waħda reliġjuża. U fil-knisja biss insibu l-ambjent adatt biex, fid-dawl tal-Kelma t'Alla u fil-ħeġġa tat-talb, nifhmu l-misteru ta' San Ġorġ u niksbu profitt mill-valuri tiegħu.

Din hia t-tieni sena fil-mixja spiritwali, reliġjuża u kulturali lejn iċ-ċentinarju l-kbir tas-sena 2003. Bi tħejjija għal daċ-ċentinarju bdiet toħroġ rivista dwar San Ġorġ li, għal min jiġborha, għad tifforma volum sabieħ u interessantissimu dwar il-Qaddis Megalomartri. Ħadd m'għandu jonqos li jakwistaha biex isir jaf aktar lil San Ġorġ.

Nixtieq infaħħar id-diversi opri ġodda, kemm artistiċi kif ukoll pastorali, li qed jiżżanżnu din is-sena u, f'isem il-Parroċċa, inrodd ħajr lill-benefatturi tagħhom. Insemmi biss il-bini taċ-Ċentru Parrokkjali li issa riesaq lejn



l-aħħar fażi tiegħu. Matul il-festa se jkollkom l-opportunita' li tarawh u tistagħġbu bix-xogħol kbir li sar s'issa. Hi opra qaddisa u l-benefatturi tagħha għandhom tabilħaqq ixxurtjati li għandhom sehem fiha.

Iżda bi pjaċir inrodd ħajr lill-benefatturi kollha tal-Parroċċa ta' San Ġorġ u nħossni mhux biss grat imma wkoll onorat bil-preżenza eżemplari tagħhom fil-Komunita' Ġorġjana.

Inrodd ħajr, partkolarment illum, lill-organiżżaturi bravi tal-festa tagħna fi ħdan il-Kunsilli u l-Kumitati tal-Parroċċa u tas-Soċjeta' kbira tal-

*ikompli, aqleb* ☛

**20 SENA**

**F'GĦELUQ L-20 SENA**
**MILL-EWWEL ĦARĠA TA' DIN IR-RIVISTA**
**TA' LULJU-AWISSU 1981**
**Il-BORD EDITORJALI JRODD ĦAJR LIL**
**KULL MIN KIEN TA' GĦAJNUNA**

20 SENA




# IL-BELT VICTORIA

*Rivista ta' kull Xahrejn*



*Uffiċċju Editorjali:* **Ċentru Parrokkjali San Ġorġ**
**Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.**
Tel: 55 63 77 • Fax: 55 69 81
E-mail: sangorg@vol.net.mt
Website: www2.vol.net.mt/org/sangorg


**MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA' PARROKKJALI**

26.05.01: SERAH, bint Emanuel Balzan u Maureen nee' Apap
26.05.01: RIANE, bint Charles Camenzuli u Moira nee' Fenech

**INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ**

19.05.01: Louis Sciberras u Antonella Attard

*jaqbad mill-paġna ta' quddiem*

## *Messaġġ mill-Arċipriet*

Banda 'La Stella', għall-festa unika li jorgniżżaw fi gżiritna u f'pajjiżna, unika fit-tifsila eleganti li ssebbaħ il-kultura għolja tagħna u r-reliġjożita' popolari u liturġika ta' niesna.

Inrodd ħajr lir-Rev.mu Kapitlu tal-Kolleġġjata tagħna f'għeluq il-25 sena mit-twaqqif tiegħu u lill-Kleru tagħna għall-kontribut li jagħtu matul is-sena kollha lill-ħajja spiritwali tal-Parroċċa u għall-ġmiel li bih, biċ-ċelebrazzjonijiet tagħhom, jimlew il-Bażilika Ġorġjana.

Inrodd ħajr lill-membri kollha u l-mexxejja tal-Kor 'Laudate Pueri' f'għeluq il-25 sena mit-twaqqif tiegħu għas-servizz li b'imħabba lejn San Ġorġ dejjem taw bla ma qatt qatgħu, b'lealta', professjonalita' u b'ġenerożita' kbira.

Inrodd ħar lill-kollaboraturi kollha fl-Uffiċċju Parrokkjali, fis-Sagrestiji tal-Bażilika, fl-Istazzjon tar-Radju, fl-Għaqdiet Kattoliċi, fiċ-Ċentri Pastorali u f'imkejjen oħra ta' ħidma u nawgura, u lilkom ilkoll, qarrejja ta' dan il-messaġġ: Il-Festa it-Tajba!

Viva San Ġorġ!

*Mons Ġużeppi Farrugia*


## *IDDUMX TAĦSIBHA WISQ!*

**F'DAWN IL-ĠRANET JAGĦLAQ IL-BOOKING GĦAL DAWN IL-PELLEGRINAĠĠI**

**1. ITALJA: 23-31 ta' Lulju 2001**
Inżuru: Ruma, S. Giov. Rotondo (Padre Pio), Monte Gargano, Cassia

**2. LOURDES: 6-11 ta' Awissu 2001**
Inżuru wkoll Pont d'Espagne, Val d'Aran u Postijiet oħra

***Iktar tagħrif; Mons Salv Borg jew l-Uffiċċju Parrokkjali***


# *Editorjal*

## IL-FESTA

Bdejna l-Ġimgħa tal-Festa u kulħadd jinsab lest biex matul il-ġimgħa li ġejja niċċelebraw u nagħtu ġieħ lill-Patrun tagħna San Ġorġ. Igur illi ħafna minnha, għalkemm setgħu kienu iżjed, attendew għall-Ħamisijiet bi tħejjija u oħrajn qed jattendu n-Novena. Kull min ħa sehem jew qed jieħu sehem f'dawn l-attivitajiet jista' jifhem aħjar x'għdha tfisser il-festa għalina.

Il-festa m'għandhiex tkun biss żmien ta' xalar u xorb bla rażan. Lanqas għandha tkun żmien li matulu nippruvaw ninku jew niddisprezzaw lil xi ħadd. Lanqas għadha tkun biss żmien li matulu naħsbu biss kemm ser noħorġu, kemm ser nilbsu sabiħ, jew kemm ser inżejnu djarna. Jekk għal xi wħud il-festa qed tasal biss biex jagħmlu dan kollu allura nkunu qed nagħmlu festa pagana, li bħala nsara ma tixraqx lill-isimna.

Ħalli niddervertu, nisimgħu l-marċi, ingawdu t-tiżjin, niltaqgħu mall-ħbieb, nieħdu pjaċir bil-logħob tan-nar u ħafna affarijiet oħra li huma marbuta mal-kultura tagħna. Pero' qatt u qatt m'għandna ninsew li matul il-festa għandna nħossuna eqreb lejn dak il-qaddis li lilu ntant ngħożżu u li lilu tant inħobbu. Dan nistgħu nagħmluh biss jekk nimitawh billi, bħalu ngħixu ħajja ta' nsara awtentiċi. Dawn il-jiem tal-festa għandhom iservu biex iħeġġuna iktar minn qatt qabel li qatt u qatt ma għandna nistħu nistqarru u ngħixu l-fidi nisranija. Xejn u ħadd m'għandu jaljena minn dan l-iskop veru tal-festa nisranija.

## 20 SENA

Din il-ħarġa ta' Lulju-Awissu 2001 tagħlaq l-ewwel 20 Sena minn mindu bdejna nippubblikaw din ir-rivista. Jidhrilna li l-iskop li għalih kienet ġiet pubblikata intlaħaq. Mijiet ta' emigranti jistennewha bil-ħerqa! Ġorġjani li marru jgħixu x'imkien ieħor f'Malta jew Għawdex jirċevuha b'entużjażmu! Il-Komunita' Parrokkjali tieħu gost tirċeviha regolarment!

Ma kienux għoxrin sena faċli u għalhekk il-Bord Editorjali jixtieq irodd ħajr lil dawk kollha li taw il-kontribut tagħhom matul dawn is-snin. Grazzi speċjali jmur lid-distributuri tal-Bulettin tal-Ħadd li jwassluha fi djarkom. Mingħajrhom konna nidħlu fi spejjeż kbar. Nixtiequ llum nroddu ħajr ukoll lill-A & M Printing Ltd. li għandhom ilna nistampaw din ir-rivista mindu bdiet toħroġ l-ewwel darba. U fl-aħħar inroddu ħajr ukoll lill-kontributuri u lil dawk kollha li, filwaqt li jgħarfu s-siwi ta' rivista bħal din, tawna għajnuna finanzarja.

# SAN ĠORĠ MARTRI

## Festa 2001

*Poeżija tal-Kav. Joe M. Attard*
Lulju 2001



Ma nafx infisser ruħi
X'nibda nħoss ġo fija
Met' x-xahar ta' Lulju
Jilħaq tiegħu l-milja!

Sew sew fit-tielet ġimgħa
Ir-Rabat jieħu skoss
Kulħadd skantat, imbellah,
Ma jafx x'ikun iħoss!

Ngħidilkom jien x'qed jiġri
F'dil-belt qadima tagħna
Ta' Ġorġi l-Kbir Martri
Il-Festa tinsab magħna.

Għalhekk għalfejn tistagħġbu
Ġorġjani u ħbieb tiegħi!
Tħallu xejn jaħarbilkom,
'Mma gawdu l-festa miegħi.

U jekk tinsabu f'djarkom
U għandkom l-influwenza,
Anzjani, 'baby-sitters',-
Mij'Erbgħa l-frekwenza!

Ejjew inżuru l-maqdes
Li tiegħu midħla spiss,
Ġawhra t'arkitettura,
Induruh kif imiss!

Pittura, rħam u fided
Tribuna, deheb żekkin,
Int qatt ma dħalt s'hawn ġewwa!
O kemm inti miskin!

Jonqosha biss il-kelma
L-opra ta' Mastru Pawl
San Ġorġ rebbieħ, fuq tiegħu,
Mnejn jgħaddi, jarmi d-dawl.

Xejn inqas tiġbdek, tbellhek
Hi l-opra tal-Mattia
San Ġorġ biż-żiemel abjad
Milqut minn raġġ ta' dija.

Mużika, Għasar, Antifna,
Tismagħhom biss hawn ġewwa,
Tiffolla għalihom niesna,
Jindaqqu bl-akbar ħlewwa.

Fuq barra, in-nies tisma'
Marċi sbieħ u ferrieħa,
Irridu 'l-'Ġorġi tagħna',
'La Stella' Banda sħiħa!

Noħorġu mbagħad fit-toroq
Tiżjin ma' kullimkien;
Bnadar, arbli, pilandri,
Tas-sena l-isbaħ żmien.

Qubbajt, ġelat, pastizzi,
Pizez, għaġin, granita,
Għalihom in-nies tagħmel
Bħal meta tmur f'xi ġita.

U fi Triq ir-Repubblika
Ikollna it-tiġrijiet-
Tad-dahar, żwiemel, u bgħula
Jintrebħu l-paljijiet.

Ma' dawn iċ-ċiggifogu
U il-musketterija,
Tal-bomba, ġelatina,
Ajma xi frattarija!

Iżda naħseb li taqblu
Ta' kollox hu l-qofol
Il-Festa l-Ħadd fl-għaxija
Meta fil-pjazza l-folol.

Lil Kbir Martri ta' Lidda
Bl-applaws jilqgħu fil-bieb
Fost ferħ u entużjazmu
Tgħanniq u bews tal-ħbieb.

L-Innu l-Kbir jinstema'
Fost għors, tixjir tal-palm,
Quddiem dan ix-'xenario'
Kif tista' Iżżomm kalm!

Kemm nilmaħ nies ferħana
San Ġorġ f'dan il-għid tiegħek!
Dawn żgur xejn ma jonqoshom
La huma għal kenn ta' drieghek.

Tinsewx illi dan l-Innu
Qed jagħlaq Sebgħin Sena
Kemm inkantawh ħerqana
Kemm iġibilna hena!

San Ġorġ kompli ħarisna
Agħmilna lkoll henjin;
Iommna magħquda, annuna,
Għal kemm itulu s-snin.

---

**FRAK BIEX TAĦSEB**

Kun ħanin ma' kulħadd,
Soċjali ma' ħafna,
Familjari ma' ftit,
Ħabib ta' wieħed,
Għadu ta' ħadd.

Kun sod daqs blata, quddiem id-dnub
U kalm daqs arloġġ mal-bidu ta'
l-inkwiet.
Tagħti ħajtek lil ħadd,
Ridt ngħid, ħlief lil dak li tahielek!!!

# LEJN IS-SENA 2003

# SAN ĠORĠ MARTRI

## PASIKRATE U METAFRASTE IL-MARTIRJU, JUM IT-23 T'APRIL

*Minn Dun Ġużepp Gauci*

### Daħla

Fost l-ewwel kittieba dwar San Ġorġ, insibu lil Pasikrate u Metafraste. F'din il-kitba ser ngħidu min kienu dawn il-persuni, se nsemmu xi punti mportanti dwar il-martirju ta' San Ġorġ li seħħ fit-23 ta' April 303 u, għalhekk se nitkellmu wkoll dwar il-qima li tingħata lil San Ġorġ f'dan il-jum għażiż, tat-23 t'April.

### Pasikrate u Metafraste

Pasikrate u Simeone Metafraste huma l-ewwel żewġ persuni li kitbu dwar dak li għadda minnu l-Qaddis tagħna, San Ġorġ Martri. Huma kitbu fil-lingwa Griega, li, imbagħad ġie tradott għal Latin. Ħafna minn dak li kitbu dawn it-tnejn ġie wżat minn ħafna oħrajn li kitbu xi ħaġa dwar San Ġorġ.

Is-Surius, fir-raba' Volum tal-'*Vitae Sanctorum*' tiegħu, għandu nota ta' Mons Luigi Lipomane, Isqof ta' Verona, li kiteb ukoll il-ħajja ta' San Ġorġ, u din in-nota tgħid li ż-żewġ kitbiet ta' Pasikrate u Metafraste, miktubin fil-Grieg, jinsabu, waħda, dik ta' Pasikrate fil-Librerija tal-Patrijiet Basiljani ta' Grottaferrata, u l-oħra, dik tal-Metafraste, fil-Librerija ta' Venezja.

Eugenio Pilla, awtur ta' diversi ħajjiet ta' Qaddisin ippubblikati mill-'*Edizioni Paoline*', għandu l-ktieb *'La Meravigliosa Leggenda di S. Giorgio'*, u jidher ċar li għamel użu sewwa minn dawn iż-żewġ awturi, Pasikrate u l-Metafraste.

Pasikrate, biex isaħħaħ dak kollu li kiteb dwar San Ġorġ, jiddikjara li kien il-qaddej tal-Kbir Martri, u li kiteb dak li ra b'għajnejh. Il-Metafraste mexa fuq il-passi ta' Pasikrate. Iżda billi l-Metafraste kien bniedem ta' fantasija mdawla sewwa, żied għadd ta' martirji u ta' mirakli dwar San Ġorġ, ma' dawk imsemmijin minn Pasikrate.

Is-Surius, fl-opra tiegħu '*Vitae Martyrum*', iġib il-kitbiet ta' dawn iż-żewġ awturi, iżda filwaqt li jħalli tal-Pasikrate kif inkitbet, jikkoreġl dik tal-Metafraste biex, kif jgħid hu, iżomm biss il-verita'.

Hu interessanti dak li kiteb l-istoriku Malti, Patri Alessandu Bonnici OFM Konv., fit-2 Volum ta' l-Istora tal-Knisja tiegħu, li ġiet ippubblikata mis-Soċjeta' tal-MUSEUM fl-1969. Hu jiddikjara li f'dan il-Volum, li jġib l-isem 'Il-Knisja tal-Martri', hemm 'ġrajjiet tal-Martri msoffija mil-Leġġendi'. Dwar San Ġorġ, f'paġni 76-77, kiteb hekk: 'Jingħad li l-ewwel tagħrif li għandna (dwar San Ġorġ), ħallihulna Pasikrate, li mhux biss għex fi żmienu, imma wkoll ra b'għajnejh dak li kitbilna...Ma nafux sewwa jekk din il-kitba ħarġitx minn idejn Pasikrate li kien għex fi żmien San Ġorġ. M'għandniex raġuni serja biex niċħduh għal kollox, imma aktarx li għaddiet minn ħafna jdejn oħra. Mill-ġrajjiet tar-rakkont jidher li l-kittieb jew kittieba ħallew it-tberrin tal-fantasija jirkibhom biex ikabbru ġieħ il-qaddis. Il-kitba, hu x'inhu l-valur storiku tagħha, tibqa' ta' importanza għaliex hi l-iżjed waħda qadima, u, għalkemm għandha bżonn tiġi msoffija, hi tagħtina l-elementi essenzjali dwar ħajjet San Ġorġ: imwieled fil-Lvant, hu ssielet fl-eżerċtu Ruman: fi żmien ta' prova, hu għaraf jiddefendi twemminu u jħalli ħajtu għalih'.



*Il-kwadru ta' Jacopo Tintoretto (1518-1594) li hemm fin-National Gallery ta' Londra.*

### Il-Martirju ta' San Ġorġ

Fi żminijiet San Ġorġ, is-sitwazzjoni tal-Knisja ta' Kristu kienet waħda: jew tiċħad għall-fidi jew tbati l-martirju. U billi t-tiranni kienu jagħmlu kull ma jistgħu biex iwasslu lin-nisrani ħalli jiċħad għall-fidi, għax din kienet tkun rebħa kbira għall-paganiżmu Ruman li ma tantx kien imdorri jċedi u jitlef, allura n-nisrani kien jiġi mgħoddi minn bosta turmenti, bil-ħsieb li jibża' u jċedi. Minn hawn ġejja l-varjeta' ta' martirji li kienu nħolqu f'dawk iż-żminijiet u li baqgħu jissemmew fil-ġrajjiet tal-Martri, l-'*Acta Martyrum*'.

Dwar il-Martirju ta' San Ġorġ, li seħħ fis-sena 303, inkitbu ħafna u ħafna affarijiet. Biex jikber il-ġieħ li xtaqu jagħtu lil San Ġorġ, ħafna kittieba jsemmu kull xorta ta' martirji li għadda minnhom San Ġorġ. Jista' jkun li hu hekk..jista' ikun li mhux kollox hekk. San Girgor il-Kbir, Papa, fil-Prefazju li kiteb għall-Quddiesa ta' jum San Ġorġ, stqarr fil-qosor: 'billi bata ħafna turmenti u rebaħhom, sthaqqlu l-kuruna dejjiema'.

Mhux l-awturi kollha jaqblu-jgħid Patri Giorgio da Riano fil-ktieb tiegħu dwar San Ġorġ-li San Ġorġ ħa l-Martirju fin-Nikomedija. Pasikrate, il-Metafraste, is-Surius, u oħrajn, iżommu li seħħ fit-303 fin-Nikomedija. L-istess insibu fl-Enċiklopedija Treccani, u f'enċiklopidji oħra. Hemm xi wħud li jsemmu Lidda, u oħrajn il-Persja. Iżda, it-tradizzjoni l-aktar komuni hi li San Ġorġ ħa l-Martirju fin-Nikomedija, fejn kien mar minn Lidda, wara l-mewt ta' ommu Policronja.

Fost il-martirji li ngħataw lil San Ġorġ jissemmew:

- il-flaġellazzjoni,
- lejl shiħ fil-ħabs mindud fuq l-imsiemer ippuntati bi blata fuq sidru,
- il-martirju tar-rota,
- ġie misqi l-velenu li m'għamillu xejn.

Jissemma li deherlu Ġesù biex iqawwilu qalbu fost it-tbatijiet, u li l-eżempju ta' tant qawwa ta' San Ġorġ kien il-kawża ta' bosta konverżjonijiet, fosthom tas-saħħar Atanasju, tal-'*magister militum*', Anatolio, u ta' l-Imperatrċi Alessandra.

Iżda, mal-wasla tal-jum tat-23 t'April 303, is-sentenza ta' qtugħ ir-ras ta' San Ġorġ, wasslet lil dan iż-żgħażugħ ta' dejjem, għall-aktar mument importanti tax-xhieda ta' l-imħabba tiegħu għal Kristu. Il-Martirju Glorjuz ta'

San Ġorġ, kif jgħidilna s-Surius u ħafna awturi oħra, seħħ f'Nikomedija, fit-23 t'April 303. Fis-sena 2003, jitfakkar is-17-il Ċentinarju minn dan il-Martirju Kbir ta' San Ġorġ. L-Isqof Ferdinando Maggioni, f'laqgħa ta' studju dwar San Ġorġ, li saret fil-Bażilika di S. Giorgio al Palazzo, f'Milan, fl-1984, semma lil Teodosio Perigeta li, fil-530 stqarr: 'San Ġorġ ġie martirizzat f'Diospoli, u hawn jinsab il-ġisem tiegħu, u ħafna mirakli jsiru permezz tiegħu.'

Fi tmiem il-Manuskritt tal-Biblioteca Comunale Ariostea ta' Ferrara, traskritt minn Scalabrini, naqraw: 'il-bojja qatgħlu rasu (lil San Ġorġ), fil-jiem qrib il-Kalendi ta' Mejju, lejn tmiem April, skond ma kiteb Addone Vienese, fit-23 t'April, u l-Metafraste tradott minn Lipomano u s-Surius, jgħid li kien ftit wara nofs in-nhar, li f'dik is-sena kien jum il-Ġimgħa l-Kbira tas-sena ta' Kristu, 303. Pasikrate, il-qaddej tiegħu, li kiteb it-tifkira tal-Passjoni u l-Mewt tiegħu (ta' San Ġorġ), jgħid li wettaq il-Martirju fit-tmien jum qabel il-Kalendi ta' Mejju, jiġifieri fil-jum 24 t'April, li fih b'konswetudni antika ħafna, li l-oriġini tagħha m'għandniex tagħrif dwarha, il-Belt ta' Ferrara hi soltu tiċċelebra il-festa tiegħu (ta' San Ġorġ) b'rit solenni ta' Prima Klassi, bħala Patrun u Protettur ewlieni tagħha'.

Imbagħad, dan il-manuskritt ta' Ferrara, jintemm hekk: 'Il-Ġisem Qaddis tiegħu (ta' San Ġorġ) ġie mħolli mill-ministri fil-post tal-martirju: il-qaddejja tiegħu (ta' San Ġorġ), bil-lejl neħħewh minn dak il-post, u b'kull qima difnuh fil-qrib f' Nikomedija: stennew iż-żmien xieraq biex ħaduh f'Lidda jew Diaspoli tal-Palestina, kif kien ordnalhom hu stess.'

## Il-Jum tat-23 ta' April

Il-Papa Piju XII, bl-Ittra Apostolika '*Qui Megalomartyr*', tat-23 t'April 1956, ħatar lil San Ġorġ Patrun tal-Kavallerija Taljana kollha. F'din l-Ittra, fost l-oħrajn stqarr: '**San Ġorġ, li fost l-Orjentali ġie msejjaħ Megalomartri, fost l-insara, fl-antik kien tant meqjum u ġibed tant ammirazzjoni, li rċieva ġieħ, qima u devozzjoni kbira mill-fidili, kemm ta' l-Orjent, kif ukoll ta' l-Oċċident'**. Din l-Ittra Apostolika ta' Piju XII ġiet mogħtija minn Ruma '***die vigesima tertia mensis aprilis, in festo S. Georgii Martyris***' f'Jum San Ġorġ, it-23 ta' April.

Dak li qal il-Papa Piju XII, jidher car li meta wieħed iqis li mal-mewt tiegħu, San Ġorġ ġie meqjum mill-insara. S. Ambroġ, Isqof ta' Milan li għex bejn it-374 u t-397, daħħal fil-Liturġia Ambrozjana il-Quddiesa bi Prefazju propju ta' Jum San Ġorġ. Fil-Prefazju jingħad: ' Ġorġi, is-suldat tassew fidil ta' Ġesù Kristu, filwaqt li oħrajn kienu jistħu jistqarru l-fidi tagħhom, hu waħdu ssogra jistqarr l-isem ta' Alla u l-grazzja ta' Alla sawbet fih tant qawwa li mhux biss ħadha kontra t-tiranni, imma ddisprezza t-turmenti tagħhom.' Fil-Liturġija Ambrozjana, sa l-aħħar riformi fil-Kalendarju tal-Knisja, il-Festa ta' San Ġorġ kienet għadha ssir fl-24 ta' April.

Is-Sagramentarju Leonjan tas-Seklu 5 (jiġifieri, mitt sena wara l-Martirju ta' San Ġorġ), fih il-Quddiesa ta' San Ġorġ, (b'4 talbiet differenti), mhux biss fit-23 ta' April, imma wkoll il-Quddiesa tal-Ħamis wara Ras ir-Randan, f'liema jum kien isir l-istazzjon Penitenzjali tar-Randan fil-Bażilika ta' San Giorgio al Velabro f'Ruma.

Il-Liturġija ta' Jum San Ġorġ, għall-Knisja Universali, tista' tinqasam fi tliet perijodi diversi:

- sa l-1960, fil-Missal u l-Brevjar Ruman, kien grad ta' '*semiduplex*' bil-Quddiesa Proprja bil-Vanġelu ta' San Ġwann, 'Missieri l-Bidwi' u b'qari mill-kitbiet ta' San Pietru Damjan, fil-Brevjar.



*S. Ġorġ: altoriljev fl-irħam abjad, xogħol ta' Lindsay Clarke (1952) li hemm fil-Kappella ta' S. Ġorġ fil-Katidral Kattoliku ta' Westminister, Londra.*

- mill-1960 sa l-1969, bir-riformi liturġiċi ta' żmien Ġwanni XXIII, Jum San Ġorġ sar 'Kommemorazzjoni'.
- mill-1969, bir-riformi tal-Konċilu Vatikan II, sar 'tifkira libera', u, fl-Uffiċċju tal-qari tal-Brevjar, tħalliet silta mill-kitbiet ta' San Pietru Damjan dwar San Ġorġ.

Imbagħad, jekk tfittex fil-Kalendarji Partikolari, kulfejn San Ġorġ hu Patrun, jiġi ċelebrat bħala Solennita', filwaqt li f'Għawdex, għax hu Patrun Sekondarju jiġi ċelebrat 'tifkira obligatorja'. Minn dan kollu jidher ċar li fi grad jew ieħor, it-23 ta' April dejjem kien u għadu jfakkar lil San Ġorġ. Ta' min jiftakar li meta fl-1969, ħareġ il-Kummentarju dwar il-Kalendarju Ruman, bl-approvazzjoni tal-Papa Pawlu VI, f'paġna 121 tiegħu, dwar Jum San Ġorġ fit-23 ta' April, intużat l-espressoni '***nil mutatur***', jiġifieri 'ma jitbiddel xejn', għax Jum San Ġorġ baqa' fit-23 ta' April.

Huma ħafna dawk li f'kull Reliġjon, jagħtu qima speċjali lil San Ġorġ, fil-jum tiegħu tat-23 ta' April. Iżda fuq ta' quddiem, jiġu: il-Knisja Kattolika, il-Knisja Ortodossa u l-Knisja Protestanta. Għalhekk, meta kull sena, fit-23 ta' April inqimu lil San Ġorġ, tajjeb li niftakru li ma nkunux waħedna li qed inqimu lil dan il-Qaddis Megalomartri, iżda magħna jkun hemm eluf kbar ta' nies li fih jaraw mudell ta' qawwa u fedelta' għas-sejħa tiegħu!

### *RIFERENZI:*


Da Riano, P. Giorgio,OFM Cap., 'San Giorgio Martire-Grande Martire della Chiesa di Ġesu Cristo': Tipografia Taddeide di Riano. Roma ,1962

Balboni, Dante: 'San Giorgio': Centro Studi su S. Giorgio. Roma, 1983.

Amministrazione Provinciale di Ferrara: 'San Giorgio tra Ferrara e Praga': Gabriele Corbo Editore: Ferrara, 1991.

Bonnici, P. Alessandru OFM Conv.: 'Il-Knisja tal-Martri': It-2 Volum ta' l-Istorja tal-Knisja: Ed. MUSEUM, 1969.

Cong. S.S.Rituum: 'Calendarium Romanum e Decreto Sacrosancti Oecumenici Concilii Vaticani II instauratum auctoritte Pauli PP VI'. Tip. Poliglotta Vaticana, 1969.

Pilla, Eugenio: 'La Meravigliosa Leggenda di S. Giorgio': Edizioni Paoline: Bari: 1959.

# IL-FRATELLANZA TAL-KURĊIFISS

Fil-bidu tar-Randan li għadda waqt laqgħa tal-Kumitat Organiżżattiv tal-Purċissoni tal-Ġimgħa l-Kbira, Mons Arċipriet Ġużeppi Farrugia, wera x-xewqa li jsir tiġdid fit-tmexxia tal-Fratellanza tal-Kurċifiss. Nafu li sa mit-twaqqif tagħha fl-1893 din il-fratellanza kienet tieħu ħsieb torganiżża l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li toħroġ mill-Parroċċa tagħna u li qabel kienet tieħu ħsiebha l-Fratellanza ta' Ġesù Marija.

Mons Arċipriet għarraf lil dawk preżenti fil-laqgħa li hu kien għażel lill-Kan. Dun Ġorġ Debrincat bħala Direttur Spiritwali tal-fratellanza. Il-Kan Dun Ġorġ Debrincat ftit tax-xhur ilu rritorna fil-parroċċa tagħna wara snin ta' ħidma pastorali fl-Istati Uniti ta' l-Amerika. Sakemm jiġi elett kumitat ġdid minn fost il-membri kollha tal-fratellanza, Mons Arċipriet ħatar lili bħala segretarju ta' dan il-kumitat, li għandu bħala membri lil Anton Zammit, George Farrugia, Frank Cassar, Emanuel Attard, Carmelo Tabone u Dr. Paul George Pisani. L-ewwel biċċa xogħol li kellu dan il-kumitat kienet li organiżża l-attivitajiet marbutin mar-Randan u mal-Ġimgħa Mqaddsa li fihom kellha sehem importanti l-Fratellanza. Dawn kienu l-purċissjoni ta' Ħadd il-Palm mill-Knisja ta' San Ġakbu sal-Bażilika, il-Pellegrinaġġ bir-Redentur l-għada t-Tnejn, il-Visti tal-Sepolkri nhar il-Ġimgħa l-Kbira fil-għodu u l-Purċissjoni ta' Kristu Rxoxt nhar Ħadd il-Għid. L-organiżżazjoni tal-Purċissoni tal-Ġimgħa l-Kbira tħalliet f'idejn il-kumitat organiżżattiv maħtur apposta fi ħdan l-istess Fratellanza.

Nistgħu ngħidu għas-sodisfazzjon ta' kulħadd li l-fratelli attendew numerużi għal kull attivita'. Impressjonanti kienet il-purċissjoni bl-Irxoxt li fiha barra l-Fratellanza tal-Kurċifiss, ħadu sehem ukoll il-fratellanzi l-oħra kollha tal-parroċċa. Id-dehra sabiħa u kulurita li wieħed setgħa jgawdi fi Triq ir-Repubblika għadha f'moħħ dawk il-ħafna Għawdxin u Maltin li ġew apposta biex raw dan l-ispettaklu ta' fidi u folklore. Hawn ta' min jagħti prosit u jirringrazza lill-Banda Ċittadina 'La Stella' tas-sehem distint li ta' kull sena tagħti f'dawn il-festi sbieħ.

Wara li għaddiet il-Ġimgħa Mqaddsa l-kumitat tal-Fratellanza ma qagħadx b'idejh fuq żaqqu. Fil-ġimgħa ta' wara l-Għid, saret laqgħa fejn evalwajna x'mar tajjeb u fen seta' mar aħjar. Bdiet ukoll ħidma sabiex dawk l-oġġetti konnessi mal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li biż-żmien tkabru, jiġu restawrati jew mibdula. Għaldastant id-Direttur Spiritwali tal-Frtellanza flimkien miegħi bdejna kampanja ta' ġbir ta' fondi għal dan il-għan. Minn hawn nixtieq nirringrazza lil dawk il-ħafna parruċċani li taw l-għotjiet ġenerużi tagħhom.

Fl-1 ta' Mejju li għadda, l-istatwa ta' Ġesù Inkurunat bix-Xewk (Tal-Porpra) ġiet meħuda l-Fgura, Malta, għand il-Kv. Alfred Camilleri Cauchi, biex tiġi restawrata u fil-futur qarib bi ħsiebna nieħdu wkoll l-istatwa ta' Ġesù Marbut mal-Kolonna, sabiex sal-Ġimgħa Mqaddsa li ġejja, dawn iż-żewġ statwi jerġgħu jkunu jżenu l-Bażilika tagħna mal-kumplament tas-sett.

Hemm ħafna x'wieħed jagħmel, bil-għaqal, b'diskussjoni u bl-għajnuna ta' Ġesù Kuċifiss, Marija Addolorata u tal-Patrun tagħna San Ġorġ, naslu sabiex inkomplu nkabbbru u nsebbħu l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u nkomplu nagħmlu mill-Fratellanza tal-Kurċifiss, fratellanza numeruża u attiva f'kull funzjoni tal-parroċċa tagħna.

*George J. Cassar*
*Segretarju, Fratellanzatal-Kurċifiss*

## Sevenoaks & Tonbridge Concert Band fit-Teatru Astra

Uħud mill-aqwa melodiji tas-snin sittin u sebgħin kienu l-qofol ta' kunċert mużikali li sar nhar il-Ġimgħa 1 ta' Ġunju 2001, mis-Sevenoaks & Tonbridge Band ta' l-Ingilterra. Minbarra selezzjoni kbira ta hits popolari ta' Green Miller, Duke Ellington, Elvis, Grease u Beatles, il-programm kien varjat ukoll b'xi siltiet ta' mużika klassika, fosthom l-Overture 1812 ta' Tchaikovsky.

Il-Banda Ingliża kienet il-mistiedna tat-Teatru Astra għal dan il-kunċert li sar bil-għan li jinġabru iktar fondi b'risq Iċ-ċkejkna Francesca, it-tifla ta' wieħed mill-bandisti tas-Soċ. Fil. La Stella li teħtieġ kura intensiva fl-Ingilterra. Mid-donazzjonijiet li ngħataw minn fost il-membri tal-pubbliku preżenti, inġabret is-somma ta' Lm272. Lejn tmiem il-programm is-Sur Anton Vella, Viċi President tas-Soċjeta', ippreżenta rigal lis-Surmast Direttur tal-Banda, Trevor Edwards.



# ROKNA GĦAT-TFAL

Għeżież Tfal,
Kif intom! Igur li t-tweġiba tagħkom din id-darba sa tkun: 'Ma nistgħux inkunu aħjar'! U dan jien nifhmu sewwa, la darba l-festa tinsab magħna. Il-għaliex x'hemm isbaħ mill-ġranet tal-festa! Il-festa lkoll inħobbuha u nistennewha bil-ħerqa. Min tassew iħobb il-Patrun tagħna San Ġorġ, il-festa jgħix għaliha. Ċert li sakemm din ir-rivista tasal f'idejkom, il-preparamenti tal-festa jkunu diġa saru. Il-knisja tinsab imżejna; il-faċċata mdawla sewwa; it-treqat kollha pilandri, bnadar u festuni flimkien ma' l-antarjoli u l-pavaljuni; il-banda ħejjiet il-marċi u l-programmi. F'kelma waħda kollox lest għal din it-tielet ġimgħa ta' Lulju meta beltna xxidd il-libsa tal-festa. L-istazzjon tagħna 'Leħen il-Belt Victoria' 104 FM Stereo irid ukoll iwassal dak kollu lu jkun għaddej fit-toroq kif ukoll ġewwa l-knisja lil dawk kollha li mhux dejjem ikunu jistgħu joħorġu mid-dar.

Tinsewx li bħalma ngħidu dejjem: irridu nagħrfu nżewġu l-festi ta' barra ma' dawk ta' ġewwa. Il-waħda ma tgħaddix mingħajr l-oħra. Igur li San Ġorġ irid jarana niddevertu, irid jarana ferħana, iżda San Ġorġ irid ukoll li nkunu nafuh sewwa. U kif tista' ssir taf lill-Qaddis Patrun jekk inti ma tismax dwaru! Għalhekk importanti li narakom il-knisja matul it-tlett ijiem tat-Tridu u l-Ħadd fil-għodu għal dik il-Quddiesa tant sabieħa li matulha jkomplu jkellmuna dwar il-ħajja ta' San Ġorġ, il-Prinċep tal-Martri.

Fi ftit kliem, il-festa ta' San Ġorġ hija waħda mill-ikbar festi tal-gżejjer Maltin. Ejjew ingawduha kollha bla ma nitilfu biss mument wieħed minnha. Nitolbuh lil San Ġorġ biex iżomm il-ħarsa tiegħu fuqna u jxerred il-grazzji tiegħu fuq il-familja kollha tagħna.

Bla dubju jien nawguralkom vaganzi mill-isbaħ, ħafna baħar u morru gawdu l-bqija tal-festi għax dawn wara kollox jagħmlu parti mill-patrimonju tagħna. Nittama wkoll li tinsabu sodisfatti bl-eżamijiet li għamiltu, u tinsewx, għalkemm ninsabu fil-vaganzi, la twarrbux għal kollox il-qari għaliex dan Iżommok 'up to date' ma' dak li jkun għaddej madwarek barra l-fatt li tkomplu titharrġu iktar fl-ilsna li qed tistudjaw fuq il-bankijiet ta' l-iskola.

Mela sakemm nerġgħu niltaqgħu, nixteqilkom il-Festa t-Tajba u vaganzi mill-isbaħ.

*Iz-Zijju Peppi*

**Riżultat tal-Kompetizzjoni tal-ħarġa ta' Mejju-Ġunju 2001:**

*Diane Marie Grima* ta' 50 Alfons M. Hili Str., Victoria hija mitluba tiġbor ir-rigal mill-Uffiċċju Parrokkjali.

*(Il-Kompetizzjonijiet f'din ir-Rokna jerġgħu jibdew fil-ħarġa ta' Settembru-Ottubru li ġej.)*

# IX-XOGĦOL FIL-BINI TAĊ-ĊENTRU



Ix-xogħol fuq il-bini taċ-Ċentru Parrokkjali miexi b'ritmu mgħaġġel u partijiet minnu ser ikunu lesti sal-festa ta' din is-sena. Il-kumpless kollu ser ikun jinkludi swali u uffiċini tant meħtieġa biex il-pastorali fil-parroċċa tagħna tkun tista' titmexxa b'mod effiċċjenti u modern. Dan huwa proġett ambizzjuz li jinkludi ukoll appartamenti mgħammra b'kollox fejn saċerdoti li ma jkollhomx min idur bihom jkunu jistgħu jirtiraw hawn, viċin il-knisja. Barra minn dan ser timbena wkoll kappella għas-Santissimu Sagrament li ser tkun ħaġa waħda mal-Bażilika. L-għajnuna ġeneruża ta' bosta membri tal-Komunita' Parrokkjali turi kemm sar hemm maturita' fost il-poplu li qed jappreżza u jgħin fi proġett bħal dawn.



**Isma' Leħen il-Parroċċa fuq Radju**
**LEĦEN IL-BELT VICTORIA**
**FM Stereo 104**

## L-GĦAQDA ŻGĦAŻAGĦ LA STELLA U L-FESTA

# Ħidma Kontinwa

Bħalma wieħed jista' ċertanent jimmaġina, il-preparazzjoni għal festa kbira bħalma hi l-festa ta' San Ġorġ, hija waħda intensiva. Il-Kumitat taż-Żgħażagħ, kif ħafna jsejħu lill-Għaqda Żgħażagħ La Stella, hu responsabbli mill-armar u tiżjin fit-toroq kif ukoll mill-briju waqt il-marċijiet kollha tul il-ġranet ta' ċelebrazzjonijiet fit-toroq tar-Rabat.

Fil-qasam ta' l-armar ta' min jgħid illi s-sena li għaddiet l-Għaqda Żgħażagħ La Stella ħadet bħala sfidi ewlenin, ir-restawr ta' diversi biċċiet ta' armar, bħal ngħidu aħna, it-tkomplija tal-palk tal-banda li jintrama fi Pjazza Indipendenza flimkien mal-pedestal tal-Papa li kun hemm fl-istess Pjazza. Din is-sena l-enerġija kollha kienet konċentrata fuq żewġ proġetti ewlenin: ir-restawr ta' ħames anġli li itpoġġew fi Pjazza Indipenndenza, liema ħidma kienet koordinata minn Ġorġ Mizzi bil-għajnuna ta' Karmenu Farruġia, Nenu Tabone, George Camilleri u George Mercieca, kif ukoll l-ikbar proġett li s.issa qatt dħalna għalih: is-sett ta' tmien pavaljuni tad-dawl għal Triq ir-Repubblika, iddisinjati minn oseph Cauchi, b'koordinazzjoni ma' Manwel Attard.





Bi pjaċir kbir ngħidu illi l-Għaqda Żgħażagħ La Stella mhux biss laqgħet din l-isfida kbira imma tassew ser toħroġ bl-unuri meta dawn il-pavaljuni ġodda jinxtgħelu għall-ewwel darba nhar it-Tlieta 10 ta' Lulju 2001. Grazzi kbir imur lejn kull min għen finanzjarjament u lill-President, Segretaru u Kaxxier tas-Soċjeta' li dejjem taw l-appoġġ tagħhom.

Iżda grazzi partikolari jmur lill-voluntiera kollha illi spiss u ta' kuljum kienu jqattgħu siegħat twal jagħmlu l-lavur kollu relatat ma' dawn il-pavaljuni. Għalhekk nirringrazzjaw lil Raymond Mizzi u Josef Camilleri li ħadmu fuq l-injam, lil Michelangelo Saliba, Anton Farrugia u Twanny Mizzi li ħadu ħsieb ix-xogħol ta' żebgħa, kif ukoll lil John Farrugia u Pawlu Vella illi fasslu l-pavaljuni u ħadu ħsieb ix-xogħol relatat mad-dawl.

# GĦOTJA SABIĦA B'RISQ IĊ-ĊENTRU

Dan l-aħħar reġgħa kien hawn fostna s-Sur Ġorġ Cini, li jgħix fl-Awstralja. Is-Sur Cini ppreżenta ċekk ta' 7000 Dollaru Awstraljan lill-Mons Arċipriet b'risq il-bini taċ-Ċentru Parrokkjali. Dawn il-flus ingħataw mill-MALTA STAR OF THE SEA ASSOCIATION ta' l-Awstralja bħala għajnuna fil-bini taċ-Ċentru li ser jinkludi wkoll dar għall-kleru. Fir-Ritratt jidhru (*mix-xellug għal-lemin*) il-Kan. Dun Feliċ Tabone, Vigaru Parrokkjali, Mons Arċipriet G. Farrugia, is-Sur Ġorġ Cini u l-Perit Salvu Micallef. Għotja bħal din tagħmlilna kuraġġ u j'Alla emigranti oħrajn fl-Awstralja, fil-Kanada u fl-Istati Uniti jkunu huma wkoll ġenerużi biex dan il-proġett kbir jkun lest fl-iqsar żmien possibbli.



A&M Printing Ltd. - 553217